# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2023**

**Numru 10**

**Rikors Numru 745/20TA**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Av. Dr. Yanika Bugeja u PL. Melissa Anastasi li b'digriet tal-4 ta' Novembru 2020 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrapreżentaw lis-soċjeta` Mosta Auto Dealers Ltd (C3923)**

**Av. Dr. Martha Mifsud u PL. Jean Pierre Busuttil li b'digriet tat-23 ta' Frar 2021 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrapreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-mejjet Carmelo sive Charles Pace (398852M)**

**U**

**Anne Josephine Pace (KI 602358M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta Plc (il-Bank rikorrent) tal-21 ta' Awwissu 2020.

Rat ir-risposta tal-Kuratriċi Dr. Martha Mifsud (l-intimata Mifsud) tal-24 ta' Mejju 2021.

Rat ir-risposta ta' Anne Josephine Pace (l-intimata Pace) tat-23 ta' Lulju 2021.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Dr. Yanika Bugeja u P.L. Melissa Anastasi (l-intimata Bugeja et) tal-14 ta' Ottubru 2021.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għal digriet.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Bank rikorrent qiegħed jitlob permezz ta' din il-proċedura ai termini tal-Artikolu 258 (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li kuntratt pubbliku jerġa' jsir eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv minħabba li għaddew aktar minn tliet snin minn meta seta' jiġi eżegwit.

Odette Falzon għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank rikorrent iddikjarat bil-ġurament li d-debitu mertu ta' din il-proċedura għadu sal-lum mhux imħallas kollu anke jekk saru xi pagamenti akkont. Jirrisulta pero' li l-Bank rikorrent għad jonqsu jieħu mingħand l-intimat parti mis-somma oriġinarjament dovuta skont żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' kreditu fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-31 ta' Lulju 2015 (a' fol 3).

Mill-atti jirriżulta illi s-soċjetà debitriċi għadha ma ssaldatx għal kollox id-debitu u dan kif diġa' aċċennat, ġie kkonfermat bix-xhieda ġuramentata ta' Odette Falzon għan-nom tal-Bank rikorrent li stqarret li l-Bank rikorrent għad għandu jieħu mingħand l-intimati parti mis-somma oriġinali (a' fol 101).

L-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu qiegħda ssir din il-proċedura, ċjoè l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakoltà lil min ikollu titolu eżekuttiv li jgħaddilu t-terminu ta' żmien li fih setgħet issir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista' jiġi ravvivat b'din il-proċedura (Ara **Sentenza fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc -vs- Charmaine Saliba, Prim Awla, deċiża fis-27 ta' Settembru 2012**).

Il-Qorti tfakkar li r-rikors li jsir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 m'għandux l-iskop li jrendi t-titolu eżekuttiv eżegwibbli u għalhekk mhux applikabbli f'dan il-każ l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12, iżda għandu biss l-iskop li l-Qorti tirravviva t-titolu eżekuttiv biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih eżegwibbli mill-ġdid u dan għax ikunu għaddew tliet snin minn meta seta' jiġi eżegwit. Di fatti il-proviso għal dan l-artikolu tiddisponi li "*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. <u>Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament</u> ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, <u>u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut</u>"* (Emfażi tal-Qorti).

Għalhekk kull ma għandha tagħmel din il-Qorti hu, li taċċerta li isir rikors ġuramentat mill-kreditur, kif fil-fatt sar, u li d-dejn jew parti minnu għadu dovut. Għalhekk ma hux meħtieġ li jkun speċifikat kemm fadal mid-dejn għaliex meta l-kreditur jiġi biex jesegwixxi bil-mezzi li tagħtih il-liġi, dan jagħmlu fuq responsabilta'. Dan ifisser li l-intimata Pace ma għandhiex raġun meta tgħid li kellu jkun speċifikat kemm fadal mid-dejn. Għalhekk, l-anqas din il-proċedura ma hija maħsuba biex il-Qorti tidħol fuq il-kwantum

jew difiżi ta' natura sostanzjali da parti tad-debitur. Jekk ikun hemm lok għall-kontestazzjoni dan jista' jsir mid-debitur permezz tal-proċedura apposite f'każ li il-kreditu jkun qiegħed jiġi mależegwit.

Il-Qorti pero' ma tistax ma tinnotax, li l-Bank rikorrent fir-rikors promotur jgħid, li d-debitu tnissel minn żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu, it-tnejn datati 31 ta' Lulju 2015 fl-atti tan-nutar Claire Camilleri. B'dana kollu, meta din il-Qorti fliet l-atti sabet li ġie esebit kuntratt wieħed minn dawn iż-żewġ kuntratti. Jidher li ġie esebit l-istess kuntratt għal diversi drabi (a' fol 3,24 u 57). Mentri Odette Falzon, tagħmel referenza għall-kuntratt wieħed fl-affidavit tagħha (a' fol 101). Il-Qorti tifhem għalhekk li r-referenza f'dawn l-atti huwa għal dak li ġie esebit.

**Provvediment**

Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' it-talbiet tal-Bank rikorrent u dan fir-rigward ta' dak id-debitu tal-kuntratt esebit f'dawn il-proċeduri.

Spejjes għall-intimati.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**